# FIL-QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum it-Tnejn, 4 ta' Diċembru, 2023.

**Kawża Nru. 9**

**Rik. Nru. 43/2022 ISB**

**L-Avukat Adrian Muscat Azzopardi (detentur tal-karta tal-identità bin-numru 353380M) bħala mandatarju speċjali ta' Fadi Khatib (numru tal-passaport lebaniż RL2911007) u Kumpaya LB S.A.L (numru tar-reġistrazzjoni 1808828)**

**Vs**

**Kumpaya Holding Limited (C 78139) u b'digriet tad-19 ta' Jannar 2023 l-Av. Joseph Brincat u l-P.L. Nicholette Aquilina di Noto nħatru bħala kuraturi ta' l-istess Kumbaya Holding Ltd (C 78139)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**rikors** tal-**Avukat Adrian Muscat Azzopardi noe,** intavolat fid-19 ta' April 2022, li permezz tiegħu huwa talab lill-Qorti sabiex:

*(i) Tordna illi s-soċjetà konvenuta Kumbaya Holding Limited tiġi xjolta u konsegwentement stralċjata minn dina l-onorabbli Qorti abbażi ta' l-Artikolu 214(2)(a)(i) ta' l-Att dwar il-Kumpanniji (Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta).*

*(ii) Fin-nuqqas tordna illi s-soċjetà konvenuta Kumbaya Holding Limited tiġi xjolta u konsegwentement stralċjata minn dina l-onorabbli Qorti abbażi ta' l-Artikolu 214(2)(b)(iii) ta' l-Att dwar il-Kumpanniji (Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta).*

*(iii) Taħtar likwidatur sabiex jiehu f'idejh il-proċess ta' stralċ tas-soċjetà konvenuta skond il-liġi.*

*(iv) Tagħti kull provvediment ieħor li jidhrilha xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.*

U dan wara li ppremetta:

1. *Illi dan ir-rikors qiegħed isir a tenur ta' l-Artikolu 218(1) ta' l-Att dwar il-Kumpanniji (Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta) permezz ta' liema qiegħed jintalab l-istralċ tas-soċjetà Kumbaya Holding Limited (C78139), għar-raġuni mfissra fl-Artikli 214(2)(a)(i) u/jew 214(2)(b)(iii) ta' l-istess Att.*

2. *Illi s-soċjetà konvenuta Kumbaya Holding Limited (il-quddiem imsejjħa "KHL") ġiet kostitwita fis-16 ta' Novembru tas-sena 2016.*

3. *Illi r-rikorrenti huma azzjonisti tal-kumpanija KHL għal perċentwaal komplessiv ta' erbgħin punt disgħa wieħed fil-mija (40.91%) u b'hekk ir-rikorrenti huma wkoll kontributorji tal-KHL ai termini tal-Artikolu 218(1) tal-Att tal-Kumpaniji. Barra minn hekk, l-istess rikorrenti, ċioe, Fadi Khatib u Kumbaya LB S.A.L. huma ukoll diretturi tas-soċjetà flimkien ma' Michel Jacques Freni.*

4. *Illi Michel Jaqcues Freni huwa azzjonista fis-soċjetà konvenuta għal perċentwal ta' disgħa punt zero disgħa fil-mija (9.09%) f'ismu proprju, u sitta u tletin punt tlieta sitta fil-mija (36.36%) permezz tas-soċjetà KeyMedia Management Inc, f'liema soċjetà huwa għandu disgħa u disgħin fil-mija (99%) ta' l-*

*ishma. L-ex mara tiegħu Ana Maria Prutenau hija azzjonista b'perċentwali ta' erba' punt ħamsa ħamsa fil-mija (4.55%) fis-soċjetà konvenuta u dan ifisser li Freni u l-ex mara tiegħu, b'mod dirett jew indirett jirrappreżentaw eżattament ħamsin fil-mija (50%) ta' l-ishma tas-soċjetà konvenuta.*

5. *Illi s-soċjetà konvenuta ġiet kostitwita bil-għan li flimkien ma' żewġ kumpaniji oħrajn, ċioe' Kumbaya Inc (Colorado), kumpanija relatata mas-soċjetà KeyMedia Management Inc fejn l-istess Michel Jacques Freni huwa l-fundatur tagħha, u Kumbaya LB S.A.L. (Libanu), jiżviluppaw prodott fis-settur ta' l-enerġija u it-telekomunikazzjoni għas-suq ta' l-Africa.*

6. *Illi l-ftehim bejn il-partijiet kien li s-soċjetà konvenuta tiffinanza, b'mod dirett jew b'mod indirett, u ċioe' tramite shareholders loans ta' l-azzjonisti, u tikkomerċjalizza prodotti żviluppati minn Kumbaya Inc (Colorado), iżda għal raġunijiet li jiġu spjegati waqt l-andament tal-kawża, dan qatt ma seħħ.*

7. *Illi kif evidenzjat mill-istatement bankarju ta' l-unika kont li kellha (Anness Dok A), is-soċjetà KHL ġiet iffinanzjata mill-azzjonisti tagħha sabiex tħallas lis-soċjetà Kumbaya Inc ta' l-iżvilupp tal-prodotti u qatt ma kellha introjtu ieħor u dan sarraf f'tel kontinwu tas-soċjetà KHL minn mindu ġiet kostitwita.*

8. *Illi fl-24 ta' Ġunju tas-sena 2019, l-aħħar board meeting tas-soċjetà għal liema attenda Freni safa f'għajjat u disgwidi kif ukoll f'akkużi miż-żewġ partijiet relatati ma' l-intellectual property rights tal-prodotti żviluppati minn Kumbaya Inc (ċioe' Freni) li wassal għal relazzjoni irrekonċiljabbli bejn il-partijiet u sal-lum dan l-impasse għadu jippersisti.*

9. *Illi l-kollaborazjoni ta' Freni kienet u għadha neċessarja mhux biss sabiex tingħadda reżoluzjoni ta' l-azzjonisti ai termini ta' l-artikolu 21(1)(b) tal-Att tal-Kumpaniji sabiex tiġi likwidata s-soċjetà konvenuta iżda ukoll minħabba l-fatt li mingħajr updated due diligence ta' Freni bħala azzjonista li jirrappreżenta l-fuq minn erbgħin fil-mija tal-ishma tal-kumpanija konvenuta, l-ebda Corporate Services Provider ġewwa Malta ma tista' tippresta servizzi lis-soċjetà KHL liema servizzi huma essenzjali sabiex jingħalqu l-accounts b'lura u jitniedu il-proċess tal-likwidazzjoni.*

10. *Illi inoltre, l-azzjonista Ana Maria Prutenau qatt ma' irrispondiet b'mod kooperativ ebda komunikat u*

*konsegwentement hi ukoll qatt ma' pprovdiet due diligence documents.*

11. *Illi bħala riżultat ta' dan, is-soċjetà Exco Services Limited li kienet tippresta servizzi ta' Corporate Service Provider lis-soċjetà KHL itterminat is-servizzi tagħha u irtirat ukoll id-dritt li s-soċjetà KHL itterminat is-servizzi tagħha u irtirat ukoll id-dritt li s-soċjetà KHL tagħmel użu mill-indirizz tagħha bħala registered address (Vide Dok B anness).*

12. *Illi s-soċjetà KHL ilha ma topera il-fuq minn erba' u għoxrin xahar u qegħda tinkorri multi u spejjeż kull ġurnata li tibqa' inadempjenti fl-obbligi tagħha versu l-Awtoritajiet kompetenti fosthom il-Malta Business Registry (il-quddiem imsejjħa "l-MBR") u l-Kummissarju tat-Taxxi. L-MBR kienet disposta li tagħti estensjoni sal-31 ta' Diċembru ta' 2021 sabiex jiġu ppreżentati l-accounts finalizzati tas-soċjetà KHL iżda bħala riżultat ta' l-impasse is-soċjetà konvenuta baqgħet inadempjenti.*

13. *Illi konxju ta' l-obbligi tas-soċjetà versu l-awtoritajiet ir-rikorrenti Fady Khatib fil-kwalità tiegħu ta' Direttur innotfika lid-direttur Freni kemm il-darba, anke tramite l-avukati tiegħu (Vide Dok C Anness) fl-aħħar xhur sabiex dan ta' l-aħħar jikkollabora iżda dan bl-ebda suċċess.*

14. *Illi fid-dawl ta' dan kollu, ir-rikorrenti huma tal-fehma illi diment illi s-soċjetà konvenuta għar-raġunijiet suesposrti ma tistax tottempra ruħha ma' l-obbligi tagħha versu l-awtoritajiet, ma tistax tiġi amministrata, u ma baqgħalhiex raġuni ekonomika sabiex tkompli teżisti jirriżulta illi hemm raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u keonsegwentement l-istralċ tas-soċjetà konvenuta u huwa għaqli li din tiġi stralċjata anke sabiex din ma tkomplix tinkorri spejjeż amministrattivi u legali bla bżonn.*

Rat id-**dokumenti** li kienu ppreżentati mar-rikors (Dok A sa Dok B) (fol 5 sa fol 10).

Rat id-**digriet** tagħha tas-16 ta' Mejju 2022, permezz ta' liema r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tas-6 ta' Lulju 2022 fid-9:30am.

Rat in-nota tar-rikorrent noe intavolata fl-10 ta' Ġunju 2022 (fol 12) li permezz tagħha ppreżenta affidavit ta' **Fadi Khatib** b'dokumenti annessi (fol 13 sa fol 24).

Rat id-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-19 ta' Jannar 2023 li permezz tiegħu l-Qorti nnominat bħala kuraturi deputati ghas-soċjetá intimata lill-Avukat Dr Joseph Brincat u lill-Prokuratriċi Legal Nicholette Aquilina di Noto.

Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati Av. Dr Joseph Brincat u l-Prokuratriċi Legali Nicolette Aquilina tat-3 ta' April 2023 li permezz tagħha eċċepew is-segwenti:

1. *Illi ma hemmx dubju li l-kumpanija minnhom rappresentata hija moribonda.*

2. *Illi jirrsulta wkoll li Michel Jacques Freni f'email minnhom jammetti li din hi s-sitwazzjoni u ċioe li hemm bżonnn li l-kumpaniji tiġi xolta.*

3. *Illi huma jirrimettu ruħhom għall-provi, stante li m'għandhomx mezz kif iġibu xi prova indipendenti minn dak li hemm allegat.*

Rat illi fl-udjenza tas-7 ta' Lulju 2023, id-difensur tar-rikorrent noe ddikjara li m'għandux aktar provi x'jipproduċi u mir-risposta tal-Kuraturi Deputati, senjatament it-tielet paragrafu, il-Qorti fehmet li l-intimati m'għandhomx provi xi jressqu, u konsegwentement, il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, inkluż mill-provi mressqa.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirrizulta illi dan huwa proċediment li ttieħed mir-rikorrenti *ai termini* tal-Artikoli **214(2)(a)(i) u/jew 214(2)(b)(iii) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta**.

Illi r-rikorrenti jikkontendu illi s-soċjetà intimata Kumbaya Holding Limited ġiet kostitwita fis-16 ta' Novembru tas-sena 2016. Jispjegaw li huma azzjonisti tal-Kumpanija intimata għal perċentwal komplessiv ta' erbgħin punt disgħa wieħed fil-mija (40.91%) u b'hekk huma kontributorji tal-kumpanija intimata *ai termini* tal-Artikolu 218(1) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta. Oltre minn hekk l-istess rikorrenti huma wkoll diretturi tas-soċjetà flimkien ma' Michel Jacques Freni.

Jispjegaw li s-soċjetà intimata ġiet kostitwita bil-għan li flimkien ma' żewġ kumpaniji oħrajn, ċjoè Kumbaya Inc (Colorado), kumpanija relatata mas-soċjetà KeyMedia Management Inc u Kumbaya LB S.A.L. jiżviluppaw prodott fis-settur tal-enerġija u t-telekomunikazzjoni għas-suq tal-Afrika.

Jgħidu li l-ftehim bejn il-partijiet kien li s-soċjetà intimata tiffinanzja b'mod dirett jew indirett u ċjoè tramite *shareholders loans* tal-azzjonisti, u tikkomerċjalizza

prodotti żviluppati minn Kumbaya Inc (Colorado), iżda dan ma seħħx. Jikkontendu li l-unika kont li kellha s-soċjetà intimata ġie mill-azzjonisti tagħha sabiex tħallas lill-Kumbaya Inc u qatt ma kellha introjtu ieħor li sarraf f'telf kontinwu tas-soċjetà intimata minn meta ġiet kostitwita.

Jikkontendu li fl-24 ta' Ġunju 2019 sar l-aħħar *board meeting* tas-soċjetà intimata fejn inqala diżgwid dwar drittijiet ta' proprjetà intelletwali li wassal għal relazzjoni irrekonċiljabbli bejn il-partijiet li għadha sal-lum tippersisti.

Jispjegaw li l-kollaborazzjoni ta' Freni kienet u għadha neċessarja sabiex tingħadda reżoluzzjoni tal-azzjonisti għax-xoljiment tas-soċjetà, kif ukoll sabiex issir id-*due diligence* tiegħu li hi neċessarja sabiex il-kumpanija tingħata servizz ta' *Corporate Service Provider* sabiex jagħlaq il-kontijiet u jniedi l-likwidazzjoni. Oltre minn hekk, l-azzjonista l-oħra Ana Maria Prutenau qatt ma' rrispondiet b'mod kooperattiv u qatt ma pprovdiet *due diligence documents*.

Jikkontendu li b'riżultat ta' dan is-soċjetà Exco Services Limited li kienet tippresta servizzi ta' *Corporate Service Provider* lis-soċjetà intimata tterminat is-servizzi tagħha u irtirat ukoll id-dritt li s-soċjetà intimata tagħmel użu mill-indirizz tagħha bħala indirizz uffiċjali.

Jgħidu li s-soċjetà intimata ilha ma topera 'l fuq minn erbgħa u għoxrin (24) xahar u qiegħda tinkorri multi u spejjeż kull ġurnata li tibqa mhux xolta. Oltre minn hekk, la darba ma tistax tottempora ruħha mal-obbligi tagħha versu l-awtoritajiet, ma tistax tiġi amministrata u ma baqalhiex raġuni ekonomika sabiex tkompli teżisti jirriżulta li hemm raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw xoljiment u konsegwenti stralċ tal-istess soċjeta' intimata.

## Ikkunsidrat Ulterjorment:

Illi mill-provi prodotti, jirriżultaw is-segwenti **fatti**:

Illi fl-affidavit tiegħu **Fady Khatib** jgħid li hu wieħed mill-azzjonisti li waqqfu s-soċjetà Kumpaya Holding Limited, kumpanija ta' responsabbiltà limitata reġistrata u nkorporata taħt il-Liġijiet ta' Malta bin-numru ta' reġistrazzjoni C78139, u bl-indirizz uffiċjali Level 1, LM Complex, Brewery Street, Mrieħel, Birkirkara. Jgħid li attwalment għandu mitejn u ħamsin elf (250,000) sehem ordinarju mħallas b'valur nominali ta' ċenteżmu tad-dollaru Amerikan ($0.01), liema ishma xtara meta l-kumpanija ġiet inkorporata. Jgħid li indirettament għandu wkoll persentaġġ żgħir minn żewġ miljun (2,000,000) sehem ordinarju mħallsin b'valur nominali ta' ċenteżmu tad-dollaru Amerikan ($0.01) li jappartjenu lis-soċjetà Kumbaya LB S.A.L, kumpanija rreġistrata fil-Libanu bin-numru tar-reġistrazzjoni 1808828.

Jispjega li kien appuntat direttur tas-soċjetà intimata flimkien ma Michel Jacques Freni u Kumbaya LB minn meta ġiet inkorporata s-soċjetà fis-16 ta' Novembru 2016 u għadhom diretturi sal-lum. Jgħid li l-għan prinċipali tal-kumpanija kien li tkun is-sid tad-drittijiet tal-proprjetà intelletwali relatati ma' prodott li kien ser jiġi kkummerċjalizzat u mibjugħ mis-soċjetà intimata fis-suq Afrikan. Dan l-għan kien rikonoxxut u maqbul wara diskussjonijiet bejn Kumbaya LB u s-Sur Freni għan-nom u f'isem KeyMedia Management Inc, kumpanija b'responsabbiltà limitata reġistrata u inkorporata f'Delaware bin-numru ta' reġistrazzjoni 2472197 li hi reġistrata li għandha żewġ miljun (2,000,000) sehem imħallas b'valur nominali ta' ċenteżmu tad-dollaru Amerikan ($0.01).

Jgħid li kien hemm qbil li kumpanija relatata ma' Key Media, u ċjoè Kumbaya Inc, kumpanija reġistrata f'Colorado u li l-fundatur tagħha kien is-Sur Freni, kellha tkun *partner* tekniku għall-iżvilupp tal-prodott in kwistjoni, filwaqt li Kumpaya Inc kellha tkun *partner* finanzjarju u fl-iżvilupp tan-negozju. Jgħid li hu kien mitlub ikun parti mill-aspett tal-operat tal-proġett f'ismu propju u kien minħabba dan li hu sar azzjonist u direttur. Għalhekk hu, Kumbaya LB u Pacifity Holding Limited kollha pprovdew il-finanzjament fil-forma ta' self mill-azzjonisti u minn hemm is-soċjetà intimata trasferit dawn il-fondi lil Kumbaya Inc għall-iżvilupp tal-prodott.

Jispjega li l-partijiet kollha kkonċernati kienu qablu li la darba jkun krejat il-prodott kwalunkwe drittijiet tal-proprjetà intelletwali kellhom jappartjenu jew ikunu trasferiti lis-soċjeta' intimata. Iżda, jgħid, li dawn qatt ma ġew trasferiti u dan wassal għal sitwazzjoni u diżgwid irrikonċiljabbli fil-kumpanija li għadu preżenti sal-lum.

Jgħid li fil-bidu tal-2018, is-soċjetà intimata appuntat ditta ta' awdituri sabiex tagħmel l-ewwel *audit* tagħha bl-iskop li tippreżenta l-kontijiet annwali tagħha lill-awtoritajiet relattivi. Jgħid li meta ġie ppreżentat l-ewwel rapport lid-diretturi kien hemm proposta mill-awditur li l-finanzjament kollu li mar għall-prodott jitneżżel bħala *impaired* u li l-istess rapport ikun fih dikjarazzjoni li kien hemm inċertezza materjali li l-kumpanija setgħet tkompli. Jispjega li meta raw dan ir-rapport hu u Mrs Amal Al Lababidi għall-kumpanija Kumbaya LB kellhom dubji dwar din il-proposta minħabba l-ftehim li kellhom mas-Sur Freni dwar id-drittijiet tal-proprjetà intelletwali tal-prodott li kellhom jiġu kkunsidrati bħala assi tal-kumpanija intimata. Jispjega li min-naħa tiegħu s-Sur Freni mal-ewwel qabel mal-proposta bħala direttur tal-kumpanija. Konsegwentement, sejħu laqgħa tad-Diretturi fl-24 ta' Ġunju 2019 sabiex jiddiskutu proprju dan. Jispjega li din il-laqgħa kienet waħda fejn inqalgħu argumenti u diżgwid li wasslet lil Freni jitlaq mil-laqgħa. Dan wassal għal waqfien fl-operat tal-kumpanija li għadu jippersisti sal-lum.

Jgħid li minkejja diversi attentati min-naħa tiegħu qatt ma reġa' rnexxielu jlaqqa' l-Bord tad-Diretturi bil-presenza ta' Freni sabiex il-kwistjoni tiġi riżolta. Jispjega li sabiex jipprova jsolvi l-kwistjoni, kien hemm żewġ laqgħat li ġew msejħa fl-14 ta' Diċembru 2021 u fil-11 ta' Jannar 2022, iżda minkejja l-pre-avviż, is-Sur Freni m'attendiex minħabba raġunijiet mediċi.

Jgħid ukoll li minkejja diversi attentati min-naħa tiegħu permezz tal-emejl, is-Sur Freni rrifjuta li jikkopera sabiex jipprovdi informazzjoni sabiex issir *due diligence* mill-*corporate service providers*, u konsegwentement il-kumpanija la tista' tipprepara l-kontijiet annwali u lanqas ma tista' tiġi likwidata. Jispjega wkoll li għamel attentati li jagħmel kuntatt ma' Ana Maria Pruteanu li bl-assistenza tagħha tista' tgħaddi riżoluzzjoni sabiex il-kumpanija tiġi xolta *ai termini* tal-Artikolu 214(1) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda din ukoll baqgħet ma kkoperatx.

Jispjega li fiċ-ċirkostanzi ma kellu l-ebda triq oħra ħlief li jitlob li l-kumpanija tiġi xolta u stralċjata bil-Qorti. Jgħid li minħabba l-kwistjonijiet li nqalgħu u li ma hemmx tama li jirrisolvu ruħhom l-kumpanija qatt ma obdiet l-obbligi statutorji tagħha u qed tinkorri spejjeż ta' kuljum bla bżonn.

Il-Qorti tosserva li x-xhud ippreżenta wkoll numru ta' dokumenti sabiex isostni l-affidavit tiegħu, liema dokumenti din il-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**L-Art. 218(1)(b) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta**

Din id-dispożizzjoni tipprovdi illi kreditur jista' jressaq talba għall-istralċ ta' kumpanija *ai termini* tal-Artiklu 214(2)(a)(ii) :

> *218. (1) Talba lill-qorti (aktar 'il quddiem imsejħa "rikors għal stralċ") għal –*
>
> *(a) stralċ ta' kumpannija mill-qorti skont l-artikolu 214(1)(a);*
>
> *(b) xoljiment u stralċ ta' kumpannija mill-qorti skont l-artikolu 214(2)(a); jew*
>
> *(ċ) xoljiment u stralċ ta' kumpannija skont l-artikolu 214(2)(b),*
>
> *għandha ssir b'rikors li jista' jsir jew mill-kumpannija wara deċiżjoni tal-laqgħa ġenerali jew mill-bord tad-diretturi tagħha jew minn xi detentur ta' obbligazzjoni*, kreditur jew kredituri, ***jew minn xi kontributorju jew kontributorji***:
>
> *Iżda rikors skont il-paragrafi (b) jew (ċ) jista' wkoll isir minn xi azzjonist jew direttur tal-kumpannija*

Ma jirriżulta ebda dubju f'moħħ din il-Qorti illi r-rikorrenti huma azzjonisti tas-soċjetà intimata.

L-azzjoni attrici hija bbażata fuq **l-Art. 214(2)(a)(i) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta** li jgħid testwalment is-segwenti:

> *(a) kumpanija tista' xxolji u tkun stralċjata mill-qorti fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:*
>
> *(i) jekk in-negozju tal-kumpanija jkun sospiż għal perjodu bla waqfien ta' erbgħa u għoxrin xahar;*

Illi, isegwi għalhekk li *ai termini* tal-Artikolu 214(2)(a)(i), l-element li jrid jiġi ppruvat hu illi l-kumpanija għaddiet minn perjodu ta' almenu erbgħa u għoxrin (24) xahar bin-negozju sospiż.

Il-Qrati tagħna ġja kellhom opportunità jesprimu ruħhom dwar dan.

Ingħad:

> *Ir-rekwizit tad-disposizzjoni huwa s-sospensjoni tan-negozju tal-kumpannija għal perijodu bla waqfien ta` erbgha u ghoxrin (24) xahar. Ir-rekwizit huwa materja ta` fatt.*[1]

Mill-provi prodotti kif hawn fuq esposti in sinteżi, huwa ċar li n-negozju tal-kumpanija ilu wieqaf u li saħansitra mil-laqgħa tal-Bord tad-Diretturi li saret fl-24 ta' Ġunju 2019 lanqas ma kien hemm komunikazzjoni bejn id-diretturi. Il-Qorti tqis ukoll in-nuqqas ta' interess da parti tad-direttur Freni li lanqas risposta f'dawn il-proċeduri ma ressaq. Il-Qorti tinnota wkoll li fl-unika komunikazzjoni li kellu l-istess Sur Freni mal-Kuratur Deputat wera qbil li din fil-fatt hija s-sitwazzjoni li tezisti fi hdan il-kumpanija. Il-Qorti għalhekk hija tal-fehma illi dan ir-rekwiżit, b'mod fattwali, ġie ppruvat.

**Aċċertat għalhekk illi jirriżultaw ippruvati r-rekwiżiti tal-Art 214(2)(a)(i), il-Qorti ma ssibx diffikultà tuża u teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tordna x-xoljiment u l-istralċ tal-kumpanija intimata Kumbaya Holding Limited a bazi ta' dan.**

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-proċedura odjerna hija bbażata <u>wkoll</u> fuq l-Artiklu 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid essenzjalment illi kumpanija għandha tkun xolta bil-qorti fil-każ illi l-qorti tkun tal-fehma li hemm raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralċ tal-kumpanija.

---

[1] 70/2020JZM Nasell Aviation Ltd vs X u 26/2019JZM Ruben J. Bajada vs Grifo Malta Ltd it-tnejn decizi 25.02.2021

Testwalment igħid hekk l-**Artiklu 214(2)(b)(iii) tal-KAP 386**:

> *Kumpannija **<u>għandha</u>** tkun xjolta bil-Qorti meta il-qorti tkun tal-fehma li hemm raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralċ tal-kumpannija.*

Bil-kliem "*il-qorti tkun tal-fehma*", il-leġislatur ċertament li ried illi titħalla lill-Qorti diskrezzjoni wiesa' sabiex tistabbilixxi hi jekk fil-fehma tagħha jirriżultawx fatti u ċirkostanzi "*gravi bizzejjed*" biex tasal biex tordna x-xoljiment u l-konsegwenti stralċ.

Anzi, irid jingħad illi peress illi l-leġlislatur kien ċar fi kliemu fis-sens illi "*kumpannija ghandha*", allura, jekk il-Qorti tistabbilixxi l-gravità, allura minn hemm `il quddiem il-Qorti ma għandiex għażla jew diskrezzjoni u tkun obbligata tordna x-xoljiment u l-konsegwenti stralċ tal-kumpanija.

Issa jrid jingħad illi d-diskrezzjoni tal-Qorti tkompli tieħu xejra dejjem aktar wiesa' meta wieħed iqis illi l-leġislatur ma pprovdiex u ma jagħtix tifsira ta` "*raġunijiet gravi biżżejjed*".

Kif ġja kellha opportunitajiet oħra tgħid din il-Qorti, anke kif diversament preseduta, il-Qorti ma għandha tiskarta xejn, u allura huwa ġustifikat jingħad illi sabiex tistabbilixxi jekk fatti jew ċirkostanzi humiex gravi biżżejjed, m'għandhiex toqgħod fuq ġrajjiet li jkun seħħew sad-data tal-preżentata tar-rikors promotur, iżda għandha tagħti piż ukoll lil kull ma jiġri anke wara, sa ma tiġi biex tagħti d-deċiżjoni tagħha.

*F'section* 122 tal-**Insolvency Act 1986 tal-Ingilterra**, tirriżulta lista ta' ċirkostanzi li jwasslu għax-xoljiment u għall-istralċ ta' kumpannija.

Tajjeb jingħad illi fl-Insolvency Act 1986 ma hemmx dispożizzjoni bħall-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386. Il-waħda li tqarreb l-aktar lejha hija Sec. 122(1)(g) li tgħid illi:

> *the court is of the opinion that it is just and equitable that the company should be wound up.*

Huwa evidenti anke mad-daqqa t'għajn li d-dispożizzjoni fil-liġi tagħna hija aktar stretta fis-sens illi fil-każ tagħna l-qorti għandha xxolji u tistralċja meta fil-fehma tagħha ikunu jirriżultaw raġunijiet gravi biżżejjed, mentri fil-liġi Ingliża, il-kriterju li fuqu l-qorti trid tibni l-fehma tagħha huwa dak tal-ġustizzja u l-ekwità.

L-istrettezza tad-dispożizzjoni fil-liġi tagħna tagħmel ħafna sens anke għaliex jekk il-qorti tesprimi l-fehma li hemm raġunijiet gravi biżżejjed, allura minn hemm tkun obbligata tordna x-xoljiment u l-istralċ tal-kumpanija.

Il-Qorti tgħid li r-riferenza għal Sec 122(1)(g) tal-Insolvency Act 1986 hija utili għaliex il-linja li ħadu l-qrati Ingliżi biex jgħidu x'għandhom ifissru *just and equitable* għall-fini ta` *winding up* ta` kumpanija jgħin sabiex jiftaħ tieqa għall-qrati tagħna fl-interpretazzjoni tagħhom x'jistgħu jkunu raġunijiet gravi biżżejjed. Għax kull każ għandu l-istorja tiegħu, il-Qorti trid tibni l-fehma tagħha fuq il-fatti u ċ-ċirkostanzi ta' kull każ.

Fil-kuntest tad-dispożizzjoni ċara min-naħa tar-rikorrenti, li l-Bord tad-Diretturi ilu ma jiltaqa' mill-2019 u minħabba diżgwid bejn l-istess diretturi u l-azzjonisti l-kumpanija intimata ilha minn dak iż-żmien ma tistax topera, fatt li huwa kkonfermat wkoll mid-Direttur Freni fil-komunikazzjoni miegħu mal-Kuratur Deputat, il-Qorti ssib ġustifikazzjoni ta' xoljiment abbażi tal-fatt li l-kumpanija ċertament ma setgħetx topera b'mod legali kif rikjest mill-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Tenut kont tal-assjem ta` fatti u ċ-ċirkostanzi, il-qorti hija tal-fehma illi hemm raġunijiet gravi biżżejjed skont l-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386 sabiex tordna x-xoljiment u l-konsegwenti l-istralċ tal-kumpanija intimata Kumbaya Holding Limited.**

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati, jidhrilha illi ġew sodisfatti l-voti tal-liġi sabiex tkun tista' tgħaddi biex takkolja t-talbiet tar-rikorrenti u tenut kont tal-assjem ta' fatti u ċirkostanzi li jirriżultaha l-Qorti, din il-Qorti qegħda:

1. **Tilqa' l-ewwel t-talba u tiddikjara** illi *ai termini* tal-Artikolu 214(2)(a)(i) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, il-kumpanija intimata Kumbaya Holding Limited ilha iktar minn erbgħa u għoxrin xahar ma topera u għalhekk hija gustifikata t-talba għax-xoljiment.

2. **Tilqa' t-tieni t-talba u tiddikjara** illi ai termini tal-artikolu 214(2)(b)(iii) il-Qorti hija tal-fehma li hemm raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralċ tal-kumpanija.

3. **Tordna** x-xoljiment u l-istralċ tas-soċjetà intimata **Kumbaya Holding Limited (C 78139)** u, *ai termini* tal-*proviso* tas-sub-inciz (1) tal-Artikolu 223 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tqis din l-ordni b'effett mil-lum.

4. **Tinnomina u taħtar stralċatarju** tas-soċjetà Kumbaya Holding Limited (C 78139) lir-**Ricevitur Ufficjali** u tagħti lill-istralċarju s-setgħat u d-dmirijiet kollha li huma previsti fil-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, fosthom illi:

a) Wara li tikseb dikjarazzjoni dwar il-qaghda tal-kumpannija de quo, *ai termini* tal-Artiklu 226 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta, thejji rapport lill-Qorti *ai termini* tal-Artiklu 227 tal-istess KAP 386,

b) Tagħmel il-verifiki kollha neċessarji u opportuni dwar l-assi u d-djun tal-kumpanija *de quo* u jekk ikun il-każ, tirraporta dwar il-gradwazzjoni tad-djun.

c) Tieħu taħt il-kustodja u l-kontroll tagħha kwalsiasi assi illi talvolta l-kumpanija **Kumbaya Holding Limited (C 78139)** jista' għandha, u dan *ai termini* tal-Artiklu 237 tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

d) Tagħmel u Tiddefendi kwalsiasi azzjoni jew proċeduri legali fl-isem u l-interess tal-kumpanija *de quo*.

e) Tirrelata dwar il-miżuri meħtieġa għall-ħarsien ta' kwalsiasi assi li l-kumpanija jista' għandha,

5. **Tordna** lill-istralċjarju sabiex tippreżenta rapport tal-ħidma tagħha sa qabel l-udjenza li jmiss.

6. **Tordna** li l-ispejjeż u drittijiet kollha naxxenti minn dan il-proċediment, inklużi l-ispejjeż kollha tal-istralċ kompriżi l-ispejjeż u d-drittijiet tal-istralċjarju, għandhom jitħallsu mis-soċjetà intimata.

**Finalment, il-Qorti qed tordna illi mingħajr dewmien ir-Reġistratur tal-Qrati jgħaddi kopja legali ta' din id-deċiżjoni lir-Riċevitur Uffiċjali u lir-Reġistratur tal-Kumpanniji.**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**